IEQAF U AĦSEB

# QUDDIEM IL-KURĊIFISS



Kliem
imnaqqax
minn Persuna Anonima,
fuq Salib Olandiż tal-1632.

**Jiena d-Dawl,**
**u intom ma tarawnix.**
**Jiena t-Triq,**
**u intom ma timxux warajja.**
**Jiena l-Verità,**
**u intom ma temmnunix.**
**Jiena l-Ħajja,**
**u intom ma tfittxunix.**
**Jiena l-Mulej,**
**u intom ma tobdunix;**
**Jiena Alla tagħkom,**
**u intom**
**ma titolbunix.**

**Jekk intom imdejqa,**
**għall-anqas,**
**twaħħlux fija ...**



PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## IL-CORONAVIRUS U L-PREKAWZJONI GĦALIH: ĦSARA BISS JEW GRAZZJA WKOLL?

***Ma kienx Coronavirus - COVID-19!*** Ħsibnieh tant 'il bogħod ... li ma jilħaqniex ... li ma jaffettwaniex. Imma lejn nofs Marzu u matul dan ix-xahar ta' April, indunajna li mhux talli daħal f'pajjiżna imma talli lil min jaħdem fil-qasam mediku u kif ukoll lil dawk lil jaħdmu fl-oqsma tant bżonnjużi għal ħajjitna qed jiswewlhom sagrifiċċju ta' bosta siegħat ta' ħidma qawwija, u li lilna lkoll bħalissa qed ibeżżagħna u jheddidna u jillimitana b'miżuri ta' prekawzjoni u prevenzjoni li qed iċaħħduna minn ħafna affarijiet għeżież għalina, u dan għal saħħitna stess u b'responsabbiltà lejn xulxin:

- imċaħħdin mill-fatt li nkunu flimkien f'kuntatti mill-qrib ma' xulxin: mal-familjari, mal-ħbieb, f'mases u folol, f'ambjenti fejn nitgħallmu, naħdmu, niddevertu, eċċ.;
- imċaħħdin mill-fatt li bħala nsara niltaqgħu fil-knejjes tagħna: kull nhar ta' Ħadd, għal uħud minna kuljum, biex nieħdu sehem fil-quddiesa u nirċievu l-Ewkaristija;
- imċaħħdin mill-fatt li meta jiġi nieqes xi ħadd minna bil-mewt, inkunu nistgħu nsellmulu fil-knisja bil-quddiesa tal-funeral;
- imċaħħdin mill-fatt li min irid ibierek l-imħabba tiegħu quddiem Alla ma jistax jiġi l-knisja għall-barka tiegħu fil-quddiesa taż-żwieġ kif soltu jsir, u jkun imdawwar minn bosta familjari, qraba u ħbieb.

Tassew qed niċċaħħdu minn tant affarijiet għeżież, u li żgur l-impatt li qed jikkawża dan il-virus ser jaffettwa anke l-għixien tagħna għal ċertu perjodu matul din is-sena, bħalma huma l-oqsma tal-ekonomija u d-divertiment, per eżempju s-safar. Apparti dan, din ir-realtà kixfet ukoll b'liema mod qed nieħdu l-ħajja: min b'biża u ansjetà kbira li kaxkruh fl-estremi – xiri ta' ikel u mediċini eżaġerat u eżilju sħiħ f'daru, jew min qisu mhu jiġri xejn, anzi jirribella u jipprova jpatti bil-ħruġ. U min qed jadatta tajjeb u jara kif ikun kreattiv fil-mod kif jgħix u jikkomunika waqt li jirrispetta d-direttivi li jingħatawlna mill-Awtoritajiet tas-Saħħa.

***Nużaw dan il-mument biex nerġgħu nitgħallmu ngħixu bis-sempliċità u l-kalma***

Biss ejjew nagħrfu li mhux kollox ħażin. Anzi, waqt li naraw kif nibqgħu attivi fil-ħidma, fil-komunikazzjoni, eċċ., bħala nsara ta' min ngħixu

dan iż-żmien ta' kalma mir-rittmi elevati li l-ħajja ta' kuljum kienet qed toffrilna, bħala opportunità biex nidħlu daħla fina nfusna u nagħrfu li *"min għandu s-sabar jimxi b'għaqal kbir"* ... u li *"Mistrieħ il-moħħ hu ħajja għall-ġisem."* [Prov. 14: 29.30] Hekk b'sempliċità u b'onestà naraw x'inhu l-aktar bżonnjuż kemm għal ħajjitna b'mod ġenerali, kif ukoll għall-ħajja spiritwali tagħna sabiex 'ma nimxux max-xejra ta' din id-dinja, iżda ninbidlu skont it-tiġdid ta' fehmietna, biex iseħħilna nagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla, x'inhu t-tajjeb li jogħġbu, x'inhu perfett.' [Ara Rum. 12: 2]. U dan nistgħu nagħmluh billi mhux niċċaħdu, imma ninvestu aktar ħin fit-talb privat. Għax eżentati mill-quddies, ma jfissirx li ma nitolbux, imma ejjew niskopru aktar il-ħajja tat-talb personali u bħala familja. Ejjew niskopru aktar il-ħajja tal-knisja domestika, u kemm personali u kemm ma' tad-dar, infittxu li naqraw xi qari mill-Bibbja, nitolbu t-talba tar-Rużarju, ningħaqdu fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa li qed titwassal fid-djar tagħna bil-mexxi tax-xandir, u naraw kif nagħtu xi telefonata lill-familjari u l-ġirien biex naraw li kollox sewwa u mhu nieqsa mill-ebda ħaġa essenzjali. U hekk, bħal San Pawl, tassew nistgħu naslu nagħrfu li *"Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja ta' Alla"* [Rum. 5: 20].

### *Ngħixu l-esperjenza tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid billi nagħrfu nadurawH "fl-ispirtu u fil-verità"*

Għalkemm għal ħafna minna, li tant aħna marbutin mat-tradizzjonijiet reliġjużi tagħna - ritwali, purċissjonijiet, u festi - jidher li ser niġu affettwati f'dawn il-manifestazzjonijiet ta' fidi u devozzjoni popolari, ejjew nagħrfu li din is-sena nistgħu nagħrfu grazzja partikulari. Matul dan ir-Randan, fejn anke ir-rittmu tal-ħajja normali inbidel, smajna lil Ġesù, hu u jistrieħ mill-għejja fuq il-bir ta' Ġakobb f'Sikar, jgħid lill-mara Samaritana: *"Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta* ***dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u fil-verità.*** *Għax il-Missier ukoll, nies bħal dawn ifittex li jadurawh. Alla huwa spirtu u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u fil-verità"* [Ġw 4:23]. Għalhekk, waqt din is-sawma kbira tassew li l-Knisja mhux biss f'Malta imma anke madwar id-dinja - inkluż fil-Vatikan, fl-Italja tant qrib tagħna, u fi Spanja, biex insemmu kulturi kattoliċi qrib tagħna - qed ikollha tagħmel – li ssum mir-ritwali li ħafna drabi jressquna lejn Ġesù (għalkemm waħedhom jafu jkunu idoli tagħna), ejjew ma nitkixklux, ma nitilfux il-fidi, imma nilqgħu l-grazzja li ngħixu l-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid bħala t-tweġiba għall-istedina qawwija tal-Mulej biex nadurawh *"fl-ispirtu u fil-verità"*. Wara kollox, il-Missier nies bħal dawn ifittex.

**Hieni l-bniedem li jqiegħed**
**fil-Mulej it-tama tiegħu,**
**Int ma titgħaxxaqx b'sagrifiċċji u offerti;**
**imma widnejja inti ftaħtli;**
**ma tlabtnix vittmi tal-ħruq u tat-tpattija.**
**Mbagħad jien għedt: "Hawn jien, ġej.**
**Fil-bidu tal-ktieb hemm miktub fuqi**
**li nagħmel ir-rieda tiegħek.**
**Alla tiegħi, dan jogħġobni;**
**il-liġi tiegħek ġewwa qalbi."**
***[Salm 40: 5-9]***

## F'każ li jagħtuna id-Direttiva li nistgħu niċċelebraw l-Attivitajiet Reliġjużi ----->



# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
## Ħal Safi - April 2020

***L-Erbgħa 1 ta' April***
Fis-6:30pm - Quddiesa
Fis-7:15pm - Pellegrinaġġ is-Salib tal-Għolja, Siġġiewi

***Il-Ħamis 2 ta' April***
**Jum ir-Rikonċiljazzjoni:** *Ħin għall-Qrar*

***Filgħodu - Qabel u matul il-ħin tal-quddies.***
Mid-9:30am - Qrar għat-Tfal tal-Iskola Primarja
sal-11:00am Yrs 3,4,5,6
***Filgħaxija - Mill-5:00pm 'il quddiem.***
Fis-5:45pm - Ċelebrazzjoni ta' Maħfra mmexxija minn tal-MUSEUM.
Fis-6:30pm - Quddiesa.

***Il-Ġimgħa 3 ta' April***
***- L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar***
**Festa Devozzjonali tad-Duluri**:
*Filgħodu:*- Mis-7:00am sas-7:30am - Qrar
Fis-7:30am - Quddiesa
*Filgħodu:*- Mill-4:30pm sat-8:00pm - Qrar
Fil-5:30pm - Quddiesa
Fis-6:30pm - Purċissjoni
Wara l-Purċissjoni - Quddiesa

***Il-Ħadd 5 ta' April***
**Ħadd il-Palm - Jum iż-Żgħażagħ**
Fid-8:45am - Nitilqu mill-knisja parrokkjali, u ninġabru fuq iz-zuntier ta' Santa Marija.
Fid-9:00am - Inbierku ż-żebbuġ u nagħtu bidu għall-Purċissjoni qasira lejn il-knisja.
Fid-9:15am - Inkomplu bil-quddiesa.

***It-Tnejn 6 ta' April***
Fis-7:30pm - *Via Sagra* fit-toroq tal-parroċċa tagħna animata mis-*Safi Drama Group*.

***It-Tlieta 7 ta' April***
Fis-7:15pm - *'Tenebrae'* - Kunċert imtella' mill-Kor
sat-8:30pm 'Sine Macula' u n-'Novum Ensemble', b'mużika, kant u qari ta' riflessjoni.

***L-Erbgħa 8 ta' April***
Fis-7:00pm - Via Sagra Nazzjonali mxandra fuq RTK.

***Il-Ħamis 9 ta' April*** **- Ħamis ix-Xirka**
Fit-7:30am - Talb flimkien fil-knisja parrokkjali:
sat-8:00am L-Uffiċċju tal-Qari u l-Lawdi.
Fid-9:15am - Quddiesa mal-Arċisqof fil-Konkatidral il-Belt Valletta, li fiha jitbierku ż-Żjut Imqaddsa u jiġġeddu l-Wegħdiet Saċerdotali mill-qassisin.
Fil-5:00pm - Qrar
Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha jsir il-Ħasil tar-Riġlejn u jitfakkar it-twaqqif tas-Sagrament tal-Ewkaristija.
Fit-8:30pm - Viżti animati.
Fl-10:00pm - Adorazzjoni animata mill-Kummissjoni Familja u Grupp Koppji Miżżewġa.

***Il-Ġimgħa 10 ta' April*** **- Il-Ġimgħa l-Kbira**
Fis-7:00am - Viżti.
Fit-8:00am - L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum, animat mill-Kappillan u s-Sorijiet Dumnikani.
Fid-9:00am - Viżti animati mill-MUSEUM tal-Bniet.
Fl-10:00am - Viżti animati mill-MUSEUM tas-Subien.
Fil-11:00am - Ħin ta' skiet, ġabra u talb personali.
*Il-knisja tagħlaq f'12:00pm u tiftaħ fis-2:15 pm.*
Fis-2:30pm - Via Sagra.
Fit-3:00pm - Funzjoni tal-Passjoni tal-Mulej.

***Is-Sibt 11 ta' April*** **- Sibt il-Għid**
Fit-7:45am - Talb flimkien fil-knisja ta' Santa Marija:
sat-8:15am L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum.
Fis-6:00pm - Qrar.
Fit-8:00pm - Funzjoni tal-Vġili tal-Għid bis-Sagrament tal-Magħmudija.

***Il-Ħadd 12 ta' April*** **- L-Għid il-Kbir**
Fis-6:45am - Quddiesa.
Fid-9:00am - Quddiesa u Tberik tal-Figolli.
Fis-6:00pm - Quddiesa bit-Talba tal-Għasar.

***Is-Sibt 18 ta' April***
Fid-9:15am - Quddiesa fil-Konkatidral ta' S. Ġwann, il-Belt Valletta, bl-Ordinazzjoni Presbiterali tar-Rev. Tony Pace.

***Il-Ħadd 19 ta' April*** **- It-Tieni Ħadd tal-Għid**
**- Festa tal-Ħniena Divina**
**- JUM ĦAL SAFI**
**Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa (422 sena)**
**nhar it-13/04/1598**
Fl-10:30am - Quddiesa ta' ringrazzjament mal-Kunsill Lokali.
Fil-11:30am - Il-Banda San Pawl tagħmel marċ.
Fil-5:00pm - Adorazzjoni
Fis-6:00pm - Quddiesa tal-Ħniena Divina.

***Il-Ħadd 26 ta' April*** **- It-Tielet Ħadd tal-Għid**



***Daħlu***
***fil-Ħajja ta' Dejjem***
Klement Busuttil
Catherine Zammit